**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 366 tat-8 ta’ Marzu 2016, dwar punt imqajjem mill-Onor. David Agius dwar l-aġġornament tal-Kamra**

Fis-seduta tal-bieraħ 7 ta’ Marzu 2016, l-Onor. David Agius qajjem *point of order* ftit wara li l-Ministru Anton Refalo beda jaqra l-Aġġornament tal-Kamra, u nikkwota:

> “Il-ftehim fil-House Business Committee li għamilna quddiemek kien li l-ewwel *item* għada tkun fuq il-ġudikatura.”

Meta s-Sedja rrimarkat li se tkun qed tara l-punt imqajjem, l-Onor. David Agius kompla jgħid:

> “Jien qed nikkwota minn dak li sar fil-House Business Committee fejn għada, 8 ta’ Marzu, aħna kellna nitkellmu dwar il-ġudikatura. Jien nitolbok tara l-ewwel *item* fuq l-aġenda u ssib li għada mhux se niddiskutu l-ġudikatura. Jew se nimxu skont il-House Business Committee u l-ftehim, jew inkella nitolbu tagħti *ruling*.”

Għall-punt imqajjem mill-Onor. Agius, l-Onor. Godfrey Farrugia, *Whip* tal-Gvern, irrimarka illi, u nikkwota:

> “Aħna llum kellna niddiskutu t-trapjant tal-organi, it-tessuti u ċ-ċelloli, għaldaqstant id-diskussjoni ma saritx. Allura b’mod raġunat, għalkemm aħna għandna l-privileġġ ukoll, il-qari tal-aġġornament huwa wieħed li jagħti preċedenza lil din il-liġi biex issir għada la ma saritx illum.”

Għal rimarka tal-Onor Agius dwar *ruling* li kien ingħata fir-rigward, is-Sedja rrimarkat li:

> “Ir-referenza għal dak ir-*ruling* li tajt ma kienx fuq il-kwestjoni dwar l-aġġornament, dak kien *ruling* fejn jiena tajt dwar il-kwestjoni jekk sakemm jinqara l-aġġornament jistax jittieħed il-vot. F’dan il-każ qegħdin nitkellmu dwar *uncontested business* u *contested business*. F’dan il-każ l-aġġornament irid jitkompla.”

Fil-fatt il-Ministru Anton Refalo kompla jaqra l-Aġġornament. Wara li temm il-qari tal-Aġġornament l-Onor. David Agius reġa’ qajjem *point of order* u nikkwota:

> “Sur President, aħna għandna ftehim fil-House Business Committee – u inti tafu – dwar ix-xogħol tal-Kamra u ġejna quddiemek miftehmin b’xogħol tal-Kamra, u għada 8 ta’ Marzu suppost taf li kellna nagħmlu l-liġi dwar il-ġudikatura u t-tibdil fil-Kostituzzjoni. Din inbidlet min-naħa tal-Gvern. Jien nitolbok li, għalkemm aħna tal-inqas stajna ġejna kkonsultati biex għada nkomplu l-liġi li kellna nagħmlu llum, imma li nħarsu dak li jiġri fil-House Business Committee għax inkella nibdew niltaqgħu fil-House Business Committee u l-Gvern jibdel l-aġenda li nkunu ftehemna dwarha fil-House Business Committee.”

Wara li s-Sedja infurmat lill-Onor. Agius li kienet qed tieħu nota tal-punt imqajjem, semgħet ukoll l-Onor. Godfey Farrugia, li qal hekk:

> “Sur President, nitolbok tieħu nota tal-fatt li llum dak li kellna niddiskutu f’din il-Kamra ma ġiex diskuss u għaldaqstant din hija r-raġuni valida għalfejn se nressqu l-istess abbozz li suppost kellu jiġi diskuss.”

Is-Sedja għamlet referenza għal dak li ġara fil-laqgħa nru 35 tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-23 ta' Frar 2016 fejn ġie diskuss meta għandu jsir id-dibattitu dwar il-ġudikatura. Is-Sedja nnotat li kien id-Deputat Prim Ministru Louis Grech li l-ewwel ta indikazzjoni li l-ħsieb tal-Gvern kien li din il-materja tiġi diskussa fit-8 ta' Marzu 2016. Is-Sedja rat ukoll x'qal l-Onor. David Agius iktar tard waqt l-istess laqgħa meta kien qed jinsisti li din il-materja tiġi diskussa fil-ġurnata tal-Ħamis li kien imiss, u nikkwota:

> "**ONOR. OWEN BONNICI:** Aħna ddiskutejna l-emendi li għandu f'moħħu jagħmel il-Gvern, li biex isiru jrid ikun hemm kemm jista' jkun kunsens fil-Kamra għax hemm minnhom jolqtu d-*due terzi* tal-Kamra, jiġifieri biex jidħlu jrid ikun hemm vot ta' *two thirds majority* u d-diskussjoni kienet fuq il-*bill* tal-Gvern, xi jrid jagħmel il-Gvern. U rrid ngħid li fuq 95% tal-affarijiet irreġistrajna progress u *I'm looking forward* li fit-8 ta' Marzu nibdew id-dibattitu u jekk Alla jrid, jiġi reġistrat progress għall-ġid tal-poplu kollu *at the end of the day*.
>
> **MR SPEAKER:** It-8 ta' Marzu hija meta se nibda d-diskussjoni fuq il-ġudikatura.
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Le, xi proposta tagħhom, proposta tal-Gvern. Aħna ma naqblux u aħna tal-Oppożizzjoni qed inħossu li din għandha ssir nhar il-Ħamis li ġej f'ħin li huwa ddedikat għall-Oppożizzjoni skont *ruling* li jingħata hawn."

Effettivament dan ir-*ruling* ingħata l-għada l-Erbgħa, 24 ta' Frar 2016.

Is-Sedja ħadet nota wkoll ta' dak li ntqal bejn l-Onor. Louis Grech u l-Onor. David Agius iktar tard fil-laqgħa tal-Kumitat u nerġa' nikkwota:

> "**ONOR. LOUIS GRECH:** Però jien nixtieq naf ukoll li ... Il-proposta uffiċjali hija li jekk intom anke tirtiraw u tneħħu dawk iż-żewġ partijiet, jekk hemm bżonn b'diskussjoni mal-Onor. Azzopardi wara u ma' min huwa responsabbli min-naħa tagħkom, imbagħad fit-8 ta' Marzu ż-żewġ abbozzi jiġu diskussi bħala żewġ abbozzi.
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Tweġħdu li sa dak iż-żmien jiġu ffriżati l-*appointments* kollha? Jekk fil-każ, naqblu!"

Is-Sedja nnotat ukoll li f'ebda istanza ma kien hemm qbil bejn l-Oppożizzjoni u l-Gvern dwar id-data ta' 8 ta' Marzu, anke meta din reġgħet ġiet indikata mill-Onor. Godfrey Farrugia bħala l-ġurnata li fiha kellu jiġi diskuss l-abbozz dwar il-ġudikatura meta l-istess Onor. Farrugia elenka x'kien il-ħsieb tal-Gvern f'dak li hu xogħol parlamentari għall-ġimgħat ta' wara.

Is-Sedja għalhekk qiegħda tifhem li għalkemm issemmiet id-data tat-8 ta' Marzu min-naħa tal-Gvern, ma kienx hemm qbil dwarha. Tant hu hekk li kif diġà indikat hawn fuq, intalab *ruling* mis-Sedja dakinhar stess dwar jekk il-ġurnata tal-Ħamis ta' dik il-ġimgħa kellhiex tiġi allokata għal xogħol tal-Oppożizzjoni, liema *ruling* effettivament ingħata l-għada.

Is-Sedja, wara li rat dan kollu, qiegħda tiddeċiedi li peress illi fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-23 ta' Frar 2016 ma kienx hemm qbil fuq l-aġenda tal-lum, 8 ta' Marzu, l-aġenda tal-lum għandha tkun dik kif ġiet imressqa mill-Ministru Anton Refalo fis-seduta tal-bieraħ.

Ir-*ruling* huwa deċiż.